MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 45/2000/1

Loreto u Carmen konjugi Dalli .
vs

Joseph u Mary Rose konjugi Vella f'isimhom proprju u f'isem is-"Serena Aparthotel" .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsuhom s-somma ta' ħames mija u tnejn u erbgħin lira Maltin (Lm542) rappreżentanti somma flus imħallsa minn l-atturi lill-konvenuti, għal pretazzjoni ta' servizz ta' "*time share*" liema servizz qatt ma kien provdut mill-konvenuti u dana minkejja li kien sar il-ħlas il-ħlas tas-somma hawn mitluba, minn l-atturi u dana taħt pretenzjoni falza da parti tal-konvenuti, kif ser jirriżulta waqt il-kawża .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 12 ta' Settembru, 1998, u bl-imgħax legali minn l-istess u b'hekk il-konvenuti nġunti għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi huwa qatt ma ttratta nomine mal-atturi .

2. Illi s-"Serena Aparthotel" m'għandhiex personalita' ġuridika .

3. Illi l-atturi kkuntrattaw ma' ħaddieħor u mhux mal-esponenti ċitati .

4. Illi bla preġudizzju għal l-ewwel eċċezzjoni, l-atturi ħallsu ta' dak li akkwistaw u ta' servizzi prestati .

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi .

6. Għalhekk dak li talbu l-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, fil-konfront tal-esponenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrifondu lilhom is-somma indikata fl-Avviż li jikkontendu ġiet inħallsa lilhom inutilment .

In linea preliminari l-konvenuti jeċċepixxu illi s-"Serena Aparthotel" kif ċitata, m'għandhiex personalita' ġuridika . Ma ġiex ippruvat illi teżisti xi kumpanija jew entita' kummerċjali oħra b'dan l-isem u jidher biss illi dan huwa sempliċement l-isem tal-lukanda ġestita mill-konvenuti . Għalhekk huwa minnu illi s-Serena Aparthotel m'għandiex personalita' ġuridika, u bħala tali ma tista' tiġi kkundannata tagħmel xejn . Konsegwentement lanqas huwa l-każ illi tiġi

liberata mill-osservanza tal-ġudizzju . Jirriżulta għalhekk illi l-inklużjoni tal-lukanda fil-kawża hija superfluwu u ma tista' teffettwa bl-ebda mod l-eżitu ta' din il-kawża .

Fil-mertu jirriżulta mill-provi prodotti illi l-atturi, wara li kienu rċevew xi informazzjoni mingħand il-konvenuti dwar servizzi ta' *time share*, kienu tħajru jabbonaw fl-iskema offruta u għalhekk avviċinaw lill-istess konvenuti . Ġie miftiehem li jsir depożitu akkont tal-prezz tal-kuntratt u l-bilanċ jitħallas b'rati mensili . Wara li l-atturi għamlu żewġ pagamenti in konsiderazzjoni ta' dan id-depożitu,[1] u għadda ċertu żmien mingħajr ma ngħataw ebda sodisfazzjoni ta' x'kien ġara mill-flus mibgħuta bil-posta lill-konvenuti, l-atturi rċevew ittra dwar kif kellu jitħallas il-bilanċ[2] .

L-atturi mbagħad ċemplu lill-konvenut sabiex jaraw x'kien sar miċ-ċekkijiet li kienu ntbagħtu, imma dan beda jiċhad illi huwa qatt rċieva xi flus mingħand l-atturi . Kitbu wkoll lil xi ditta fl-esteru bl-isem ta' "Hutchinson", li l-konvenuti suppost kienu affiljati magħha, pero' din innegat illi qatt irċeviet xi komunikazzjoni mingħand il-konventi dwar xi ftehim li kien sar magħhom . Allura ma saru ebda pagamenti oħra u ntavolaw din il-kawża sabiex jiġbru lura dak li fil-fehma tagħhom ġie mħallas inutilment lill-konvenuti .

Madankollu l-konvenut fl-affidavit tiegħu[3] ma jiċhadx illi rċieva l-flus in kwistjoni mingħand l-atturi . Jikkontendi biss illi kien hemm kuntratt bejn il-kontendenti, li l-konvenuti għażlu li ma jibqgħħx jonoraw .

Apparti l-fatt, pero' illi qatt ma ġie esebit dan it-*time share agreement* illi suppost ġie ffirmat mill-kontendenti, u allura m'hemmx prova konkreta ta' l-eżistenza ta' dan il-kuntratt, u x'kienu tassew ikkuntrattaw il-partijiet, imkien fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża ma ssemma illi kien hemm xi kundizzjoni li l-ammonti mħallsa mill-konvenuti kienu jintilfu f'każ illi dawn ma jkomplux jonoraw il-parti tagħhom

[1] Dokti. LD. 3 u LD. 4 a fol. 17, 18 tal-process .
[2] Dok. LD 1 a fol. 15 tal-process .
[3] ara affidavit ta' l-14 ta' April 2004 .

tal-ftehim. Terġa', jidher illi l-atturi kienu ġustifikati jwaqqfu l-pagamenti li kienu qed jagħmlu, ġialadarba ma ngħata ebda sodisfazzjoni ta' x'kien sar mill-flus mħallsa minnhom, u kien biss mill-affidavit tal-konvenut, magħmul kważi sitt snin sħaħ wara li kienu saru dawn il-pagamenti, li l-atturi saru jafu illi l-konvenuti fil-fatt irċevewhom . Lanqas ġie mkien allegat illi l-atturi qatt għamlu użu mis-servizzi offruti mill-konvenuti fil-lukanda tagħhom jew f'xi post ieħor li magħhom kienu affiljati għall-finijiet ta' *time share* .

F'tali ċirkostanzi jidher għalhekk illi ma teżisti ebda raġuni valida fil-liġi għaliex it-teżi tal-konvenuti għandha tiġi aċċettata.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Mary Rose konjuġi Vella sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' ħames mija u tnejn u erbgħin lira maltija (Lm542) rappreżentanti somma flus imħallsu minnhom lill-konvenuti għal prestazzjoni ta' servizz ta' *time share*, liema servizz qatt ma kien provdut lilhom .

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali, mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------